MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Numru 174/2003

Il-Pulizija
(Sp Morgan Azzopardi)
vs
Josianne Ashded, bint Giuseppe
Nicolosi, imwielda Attard
fl-24 ta' april, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fl-24 ta' april, 2002 ġewwa 61, Casa David, Triq iċ-Cervjola, Marsaskala, wara nofs in-nhar, volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-marka Aro, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAB 929, liema ħsara teċċedi l-Lm500 għad-dannu ta' Rita Nicolosi minn Marsaskala;
2. talli fl-istess ċirkostanżi, bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li

tippretendi li għandha, daħlet fi ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe' ta' Rita Nicolosi minn Marsaskala;
3. talli fl-istess ċirkostanżi, ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Rita Nicolosi, hekk kif ġie ċertifikat minn Dr. J. Vella tal-Paola Health Centre;
4. talli nsolentat u hedded lil Rita Nicolosi;
5. talli qalet kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;
6. talli kiser il-buon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Rita Nicolosi skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda ta' l-imputata bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputata u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti l-akkużi hawn fuq elekati jirrizultaw sodisfaċentement ippruvati mingħajr ebda dubju. L-imputat kellha problemi ma ommha Rita Nicolosi. Il-ħsara li ġarrbet il-karozza kienet waħda ta' inqas minn Lm500 iżda iżjed minn Lm50. Il-karozza in kwistjoni ġiet 'scrapped' ftit wara mingħajr qatt ma ġiet imsewwija.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha bid-differenza tal-valur tal-ħsara kif hawn fuq indikat. Rat l-artikoli 325(1)(b), 85, 221(1), 338(bb)(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------